Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2009

Numru. 527/2009

Il-Pulizija
(Sp Angelo Gafa')
vs
Clyde Grech, iben Anthony, imwieled Pieta' fit-2 ta' Awwissu, 1977

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fit-8 ta' Diċembru, 2008 ta, jew ftiehem li jagħti jew joffri jew ippropona lil xi persuna oħra, direttament jew indirettament, li dik il-persuna l-oħra għandha tagħti jew tiftiehem li tagħti jew toffri, xi rigal jew kumpens lil Anthony Brignoli, *player* ta' Santa Lucia Football Club, biex iħajru jagħmel jew bi tpattija talli jagħmel jew jonqos milli jagħmel, jew talli, wara li jkun beda jseħħ l-Att Dwar il-

Prevenzjoni ta’ Xiri ta’ *Players*, ikun għamel jew naqas milli jagħmel xi ħaġa li, jekk isir jew jonqos milli ssir, tkun ksur ta’ l-istess Att.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta’ Ġunju, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 3(3) u 9(1)(a) tal-Kapitolu 263 tal-Liġijiet ta’ Malta. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu fl-ewwel udjenza ta’ din il-kawża. Għalhekk, tikkundannah għal piena ta’ erba’ xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum. Minbarra dan, tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ ħames mitt euro (€500).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------